QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 02 TA' MARZU 2001

Rikors Nru 1444/99DM

Atlas Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta’ estera Guardian Royal Exchange Assurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Francis Farrugia u l-istess Francis Farrugia

vs

Nazzareno Mifsud

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi nomine ghal-kundanna tal-konvenut biex jhallas is-somma komplessiva ta’ tliet mija wiehed u sebghin lira sebgha u sittin centezmu (Lm371.67c) in kwantu ghal mitejn wiehed u sebghin lira sebgha u sittin centezmu (Lm271.67c) lis-socjeta attrici Atlas Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal mitt lira (Lm100) lill-attur Francis Farrugia, in linea ta’ danni – mill-konvenut kagunati u minnu sborsati – in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Rabat fid-19 ta’ Settembru 1998 meta waqt li l-konvenut kien qed jregga lura vettura Nru. CAM 503 hbatt mal-vettura Nru GAM 524 propjeta tal-attur Francis Farrugia li kienet ipparkjata – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' April 1999, u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta. bl-imghax legali mit-12 ta' April 1999, kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Nazzareno Mifsud fejn eccepixxa:-

1 Illi t-talbiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara tort unikament tal-attur Francis Farrugia.
2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-16 ta' Novembru 2000 fejn il-konvenut assistit mid-difensur qed jiddikjara illi mhux qed jikkontesta il-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilita.

Semghet ix-xhieda prodotti

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

M'hux kontestat li l-konvenut habat mal-vettura tal-attur Farrugia meta din kienet wieqfa warajh u meta huwa kien qed isuq b'lura u, biex jezimi ruhu mir-responsabilita', il-konvenut isosstni li meta beda jirriversa ma kien hemm hadd warajh u li l-attur gie f'daqqa u mblokkalhu t-triq.

Ghalkemm din il-verzjoni ma tirrizultax verosimili anke minhabba d-deposizzjoni ta PS1414 u l-'accident report', izda anke jekk wiehed kellhu jassumi li l-attur waqaf wara l-konvenut appena kif dan beda jirriversja, l-istess konvenut qatt ma kien gustifikat li jkompli miexi b'lura minghajr ma jibqa jhares kontinwament fid-direzzjoni li kien miexi fiha, senjatament meta l-manuvra minnhu ma kienetx dettata mir-regoli dwar sewqan ghaqli u diligenti.

Ghaldaqstant issib li l-unika versjoni accettabbli hija dik tal-attur Francis Farrugia u li kien il-konvenut li beda jsuq b'lura minghajr ma esplora it-triq fid-direzzjoni minnhu intiza u laqghat il-vettura ***wieqfa*** ta Farrugia**.**

Ghal dawn il-motivi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut biex jhallas lill-atturi is-somma komplessiva ta' tliet  mija wiehed u sebghin lira sebgha u sittin centezmu (Lm371.67c) in kwantu ghal mitejn wiehed u sebghin lira sebgha u sittin centezmu (Lm271.67c) lis-socjeta attrici Atlas Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal mitt lira (Lm100) lill-attur Francis Farrugia, in linea ta' danni kagunati mill-konvenut in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Rabat fid-19 ta' Settembru 1998 meta waqt li l-konvenut kien qed jregga lura vettura Nru. CAM 503  hbatt mal-vettura Nru GAM 524 propjeta' tal-attur Francis Farrugia li kienet ipparkjata u li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti. Bl-imghax legali mit-12 ta April 1999.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Magt Dr D Montebello B A LLD

S Farrugia
Dep Reg

civ17